MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 389/2013

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Toumi Karin Anna**

**ID 47705A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta’ Gunju, 2013 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€580.55) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta’ kommunikazzjoni numru 79750723 numru tal-kont A/C40158373, moghtija mis-socjeta’ attrici u dan skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati A, B u C u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta , bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-13 ta' Gunju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2014 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€580.55) bl-imghax legali sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal- konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------